# il-Gżejjer

IL-ĦAMES SENA — 16 TA' AWISSU, 1976 — NRU. 58




IL-PRIM MINISTRU,
L-ONOR. DOM MINTOFF
NHAR IL-ĠIMGĦA 6 TA' AWISSU,
GĦALAQ 60 SENA

# TAGĦRIF MILL-PARLAMENT

## IL-ĦALIB TAL-GVERN

(a) Il-ħalib pasturizzat u l-irkotta jinbiegħu minn żewġ ħwienet tal-Gvern il-Belt Valletta u minn ħarut tal-Gvern il-Ħamrun.
(b) In-numru ta' aġenti li jqassmu l-ħalib pasturizzat huwa 42.
(ċ) L-aġenti jiġu magħżula skond ir-riżultat ta' eżami li jdum validu sa sena.

Fil-preżent il-qliegħ mill-bejgħ ta' ħalib huwa hekk:
bejgħ taħt 90,000 gallun fis-sena — 2c7 il-gallun
bejgħ fuq 90,000 gallun fis-sena — 2c3 il-gallun.

Mill-1971 'l hawn l-aġenti żdiedu darba fl-1974 kif jidher hawn taħt:
Sa l-24 ta' Marzu, 1974:
bejgħ taħt 72,000 gallun 2c5 il-gallun
bejgħ fuq 72,000 gallun 2c3 il-gallun
Mill-25 ta' Marzu, 1974:
bejgħ taħt 90,000 gallun 2c7 il-gallun
bejgħ fuq 90,000 gallun 2c3 ilgallun

Ta' min iżid jgħid li matul dawn l-aħħar ħames snin il-bejgħ ta' ħalib minn dawn l-aġenti żdied konsiderevolment.

* * *

## DIRETTORJU TAT-TELEFON

Ir-regolamenti tas-Servizz ta' Telefon ġew emendati bil-għan li tingħata b'xejn kopja waħda tad-Direttorju tat-Telefon għal kull linja ta' l-Exchange u mhux għal kull sett ta' telefon li jkollu s-subscriber. Iżda min irid aktar kopji jista' jixtrihom. Wieħed japprezza li l-ispejjeż biex toħroġ direttorju ġdid illum kibru ħafna u għalhekk m'għadux aktar possibbli li l-kopji kollha jitqassmu b'xejn. Dawn ir-regolamenti nbidlu għal kulħadd, kemm għal nies privati u għal tan-negozju. Qatt ma kien jiddependi mis-subscription fees li jitħallsu biex wieħed jottjeni kopja tad-Direttorju.

* * *

## RATI TA' L-ILMA

Ir-rati l-ġodda, li twettqu permezz ta' l-Avviż Legali 91 tal-1976, għall-Konsum ta' l-ilma huma:

i. Ristoranti — 40c kull elf gallun barra dawk ir-ristoranti li jiffurmaw parti minn lukanda li jaqgħu taħt ir-rati ta' lukanda;
ii. Lukandi — £M2 kull elf gallun;
iii. Holiday Flats — £M1 kull elf gallun;
iv. Kunventi ta' patrijiet u sorijiet — ir-rata domestika li baqgħet kif kienet;
v. Knejjes — 40c kull elf gallun;
vi. Knejjes li huma parti mal-kunvent — 40c kull elf gallun.

## GĦAJNUNA LILL-BDIEWA

Ingħataw 113 moħriet lill-bdiewa Għawdxin bejn l-1962 u l-1971 waqt li ngħataw 123 moħriet lill-bdiewa Għawdxin f'dawn l-aħħar ħames snin.

* * *

## KONSUM TA' ILMA

Il-konsum ta' l-ilma potabbli f'Malta bħalissa huwa kkalkolat bħala 13,200,000 gallun kuljum paragunati ma' 11,335,800 gallun kuljum fis-sena 1974 u 12,736,000 fis-sena 1975.

Il-kwantità ta' l-ilma potabbli li nstab mittħaffir ta' boreholes ġodda hija madwar 2 miljun gallun kuljum.

Fil-preżent hemm tlett distillers li qegħdin jiġu mħaddma f'Malta li normalment jipproduċu xi 2.75 miljun gallun kuljum.

* * *

## ATTENDENZI FL-ISKOLA TAL-MUŻIKA

Fl-aħħar tas-sena skolastika 1975/76 jirriżulta li kien hemm dawn l-istudenti jattendu l-korsijiet li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preparatorji | 218 | Kontrabaxx | 8 |
| Theory & Ear Training | 118 | Recorder | 17 |
| | | Recorder Ensemble | 13 |
| Orkestra | 44 | Flawt | 11 |
| Kor | 46 | Oboe | 8 |
| Kor tat-tfal | 58 | Klarinett | 26 |
| Chamber Music | 22 | Saxaphone | 3 |
| Voice Seminar | 21 | Bassoon | 1 |
| Viola | 7 | Kurunetta | 10 |
| Brass Seminar | 15 | Horn | 7 |
| Pjanu | 62 | Trumbun | 8 |
| Harpsichord | 2 | Bass Tuba | 3 |
| Kitarra | 49 | Percussion | 18 |
| Vjolin | 42 | Vjolincell | 13 |

L-età minima għal klassijiet preparatorji hi 5 snin imma kien hemm klassijiet esperimentali ta' tfal tat-3 u 4 snin.

* * *

## IT-TELEFON BEJN MALTA U GĦAWDEX

Il-Gvern qiegħed bħalissa iwettaq programm intensiv fit-titjib u fl-iżvilupp tas-sistemi tat-telekommunikazzjonijiet, inklużi dawk ukoll f'Għawdex. Fil-fatt, f'din is-sena finanzjarja li qegħdin fiha, il-programm jolqot partikolarment lil Għawdex u l-ewwel pass kbir sar permezz tal-ftuħ tal-microwave link bejn Malta u Għawdex. Il-programm għadu miexi u xi ftit diffikultajiet ta' natura temporanja bilfors jinqalgħu sakemm jitlestew il-ħafna proġetti li minnhom jiddependi il-programm ġenerali ta' Għawdex. Madankollu, passi qegħdin jittieħdu biex ukoll dawn il-problemi jkunu kemm jista' jkun ikkontrollati u mwarrba fl-iqsar żmien possibbli. Jien pero' naċċerta l-Onor. ħabib tiegħi li hekk kif il-programm javvanza u dan mhux fi żmien 'il bogħod, mhux talli jispiċċaw dawn il-problemi, iżda l-Għawdxin ikollhom sistema tat-telekommunikazzjonijiet li tissodisfa il-bżonnijiet tagħhom kollha.



# IL-MALTA NETHERLANDS PHARMACEUTICAL INDUSTRIES LTD.

Il-Malta Netherlands Pharmaceutical Industries Ltd hija r-riżultat ta' 'Joint Venture' bejn il-Korporazzjoni ta' l-Iżvilupp ta' Malta u n-Netherlands Finance Company for Developing Countries (F.M.O.). Id-Ditta twaqqfet bi pjan li tipproduċi aktar minn sittin kwalità differenti ta' pilloli.

Id-Ditta Ngliża Thomas Kerfoot & Co Ltd ġiet magħżula biex tmexxi din il-fabbrika u l-personal ewlieni ġie mogħti taħriġ fil-fabbrika ta' din il-Kumpanija qrib Manchester. Il-fabbrika, l-istaff, il-makkinarju, materjali u l-proċedura ta' kontroll huma kollha skond il-ħtiġijiet internazzjonali u huwa ttamat li fi żmien qasir il-fabbrika tiġi spezzjonata u mogħtija liċenzja biex tbigħ il-prodotti tagħha fir-Renju Unit.

Tingħata importanza kbira f'dak li huwa kontroll ta' kwalità' u l-laboratorju mgħammar sew qed jiġi wżat minn personal kwalifikat biex jittestja l-prodotti fl-istadji kollha tal-produzzjoni u ma' joħroġx mill-fabbrika għall-bejgħ qabel ma jkun ċert li huwa tal-livell meħtieġ.

Il-fabbrika li kapaċi tipproduċi 500 miljun pillola fis-sena u li bdiet taħdem f'Ġunju għandha ordnijiet minn 4 pajjiżi u taqdi wkoll xi ħtiġiet lokali.







# MODERNIZZAR FL-ISPTAR MOUNT CARMEL



*Sala għar-rikreazzjoni.*



▲ *Waħda mill-'wards' il-ġodda.* *Il-kċina l-ġdida.* ▼



MOUNT Carmel huwa sptar li nbena 'l fuq minn mitt sena ilu. Għalkemm illum minn barra huwa bini imponenti u l-ġonna kbar u sbieħ, xorta waħda ż-żmien li għadda minn fuqu u l-ħtiġiet li kellhom il-pazjenti snin ilu ma baqgħux adattati għall-ħajja tal-lum.

Kien għalhekk li xi snin ilu il-Gvern beda pjan ta' seba' snin ta' modernizzazzjoni ġenerali.

Xi ġimgħat ilu l-Ministru tas-Saħħa Dr Albert Hyzler ħa sehem f'ċerimonja li tfakkar l-immodernizzar ta' *ward* oħra, din id-darba *ward* 2 tan-nisa.

B'kollox dan l-isptar fih madwar seba' mitt pazjent.

Qabel, il-*wards* kienu kollha forma twila bl-arkati magħrufa bħala 'Florence Nightingale type'. Dawn il-*wards* kollha qed isirulhom alterazzjonijiet strutturali. Dawn ġew mifruda f'għadd ta' *wards* iżgħar li jesgħu inqas sodod. Kull sala għandha l-ħtiġiet bħal sħana fix-xitwa, *fans* fis-sajf, dwal ta' emerġenza u kull pazjent għandu *locker* għalih.

It-*toilets* u l-kmamar tal-banju saru ġodda. Kollox inbena biex jagħti lill-pazjenti kumdità u iġjene. Barra d-dormitorji nbnew ukoll

isolation unit u *emergency treatment Unit* li jinkorpora fiha *dental clinic.*

Il-pazjenti għandhom issa swali għal rikreazzjoni kif ukoll *Occupational Therapy Unit* fejn il-pazjenti jkunu jistgħu jaħdmu knitting, xogħol tal-injam, tal-qasab, etċ. Bil-fondi tal-Friends of Attard Hospital Society għandhom ukoll Social Centre bħal billiards, table tennis, librerija u Sala Kbira għal rikreazzjonijiet oħrajn.



▲ *'Emergency Treatment Unit'.*

F'dan l-isptar inbniet ukoll kċina moderna mgħammra b'apparat modern li jaħdem bl-elettriku u steam, deep freeze u trolleys moderni li jwasslu l-ikel sħun f'kull sala. Din il-kċina moderna mgħammra daqs ta' l-aqwa lukanda lussuża tipprepara elfejn ikla kuljum.



Sar titjib ukoll fil-laundry. F'dan l-isptar qed isir tibdil strutturali biex il-laundry tiġi ċentralizzata b'mod li tibda tagħmel ix-xogħol kollu tal-isptarijiet f'Malta. Ġiet installata wkoll dry cleaning unit— waħda mill-aktar moderni fil-gżira.

l-programm ta' modernizzazzjoni ta' seba' snin għadu sejjer. Il-Gvern japprezza li dawn il-pazjenti huma wkoll membri tal-komunità ta' pajjiżna u għalhekk jagħmel minn kollox biex il-kondizzjonijiet tagħhom ikunu mill-aħjar possibbli.



*'Occupational Therapy Unit*

*Il-'Laundry' l-ġdida.* ▼



# DWAR GĦAWDEX ....



Ġnien pubbliku fin-Nadur.

IL-GVERN ħaseb biex f'dawn l-aħħar snin jeħles lill-merħliet kollha f'Għawdex mill-mard tal-Brucellosis u t-tuberkulosi. Għal dan il-għan il-baqar, nagħaġ u mogħoż ġew ittestjati diversi drabi u l-annimali li nstabu morda ġew maqtula waqt li l-bdiewa ġew ikkompensati tagħhom.

Huwa maħsub illi Għawdex dalwaqt ikun jista' jiġi dikjarat meħlus minn dan il-mard. Wieħed irid jiftakar ukoll illi dan il-proġett inbeda f'Għawdex qabel ma proġett simili nbeda f'Malta.

*Produzzjoni mill-Farm tal-Gvern*

Il-Gvern ħaseb biex iżid kemm jista' l-produzzjoni minn art tal-Gvern u li jmexxi kemm jista' jkun il-Farms fuq xejra ekonomika. Il-Gvern beda jforni l-isptarijiet bi prodotti friski u ġenwini u għalhekk il-morda bdew jingħataw ikel aħjar.

Biex nagħtu eżempju ta' dan matul is-sena finanzjarja li għalqet f'Marzu ta' l-1976, id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd biegħ lill-isptarijiet f'Għawdex dawn il-prodotti:

Ħxejjex 7,083 ratal; frott 1,883 ratal; larinġ/lumi 134 tużżana; majjal 11,710 ratal; bajd 7,015 tużżana.

Matul l-istess perijodu nbiegħu lill-pubbliku dawn il-prodotti:

Ħxejjex 11,039 ratal; siġar ornamentali 910; frott 4,165 ratal; frawli 907 ratal; ċitru 304 tużżani; siġar tal-frott 5,567; dwieli 19,644; majjali żgħar 56; tiġieġ 518.

*Taħwil ta' Siġar*

Matul dawn l-aħħar ħames snin tħawlu f'Għawdex 'il fuq minn 73,000 siġar ornamentali u tal-frott.

Ħafna għelieqi li qabel kienu żdingati ġew imħawla bis-siġar. Fost dawn wieħed jista' jsemmi l-Ġonna ta' l-Isptar Craig, estensjoni ta' Pope John XXIII Grove, il-Qbajjar, ix-Xwejni u s-Sagħtrija, limiti ta' Marsalforn, ġonna fl-iskejjel tal-Gvern fl-irħula kollha, estensjoni ta' Buskett Grove ħdejn l-Industrial Estate f'Għawdex, il-Qortin fin-Nadur kif ukoll f'Kemmuna.

Saru wkoll ħafna qatgħat u strips ġodda għall-fjuri madwar Għawdex u fi Playing Fields ġodda.

**Il-preservazzjoni ta' l-ilma f'Għawdex kien proġett ta' fejda kemm għall-bdiewa u għall-poplu.** ▼



# .... U KEMMUNA

Kif jaf kulħadd f'dawn l-aħħar snin il-Gvern ħa f'idejh il-parti kbira tal-Gżira ta' Kemmuna.

Ħafna raba' fuq il-Gżira tħalla żdingat għal bosta snin, ħitan tas-sejjieħ tħallew jaqgħu u ma kontx tara ħlief ħsara kullimkien.

Bil-għajnuna tal-Membri tal-Pijunieri, id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura rnexxielu f'dawn l-aħħar sentejn jibni u jirranġa l-biċċa l-kbira tal-ħitan tas-sejjieħ u jirreklama ħafna mill-art żdingata.

Fil-fatt il-lum qegħdin jinħadmu 80 tomna raba' u jitkabbar xgħir li jiġi użat għall-annimali.

B'hekk minn art mitluqa u żdingata n-nazzjon qed jibbenefika minn żieda fil-produzzjoni tal-magħlef tant meħtieġ għall-annimali.

## AVVIŻI TAL-GVERN

### STAMPAR TA' BOLLI

Il-bolla tal-ħames ċenteżmi tal-ħarġa definittiva deċimali tal-bolli tal-posta ġiet stampata mill-ġdid minn Printex Limited, Malta.

Il-bolla taż-żewġ ċenteżmi ta' l-Ewwel Ħarġa Postali Deċimali Definittiva ġiet stampata mill-ġdid minn Printex Limited, Malta.

Dawn il-bolli jinsabu għall-bejgħ mill-Philatelic Bureau, Uffiċċju Ġenerali tal-Posta, Auberge d'Italie, il-Belt Valletta.

* * *

### TAĦRIĠ GĦAL TEACHERS

Jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni ta' nazzjonalità Maltija għad-dħul fil-kors mhux residenzjali ta' tliet snin li jwassal għaċ-Ċertifikat tat-Teachers.

Iċ-Ċertifikat tat-Teachers ma jagħti ebda dritt awtomatiku lil min ikollu dan iċ-Ċertifikat għal nomina fi Skejjel tal-Gvern, iżda permezz tiegħu teachers prospettivi jkunu jistgħu japplikaw għal postijiet ta' tagħlim fi skejjel tal-Gvern meta jkun hemm vakanzi.

Minħabba t-talba ta' Teachers ta' l-Ingliż minn skejjel privati u minn pajjiżi bħal Libja, Marokk u Oman, id-dħul ta' studenti li jridu jispeċjalizzaw fl-Ingliż ikun akbar minn dak meħtieġ mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Ta' min jagħmilha ċara illi mhux dawk kollha li jiksbu ċ-ċertifikat tagħhom ta' teachers jiġu offerti postijiet mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni meta jispiċċaw il-kors b'suċċess.

l-Kors jibda f'Ottubru, 1976.

L-applikazzjonijiet għandhom jaslu lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, it-23 ta' Awissu, 1976.

Tagħrif sħiħ dwar dan il-Kors ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Lulju, 1976.

* * *

### SERVIZZ AWTOMATIKU INTERNAZZJONALI TAT-TELEFON

Il-Korporazzjoni tat-Telemalta ħabbret li dawk li jużaw it-telefon f'Malta issa jistgħu jiddaljaw dirett lill-abbonati fl-Italja u fir-Renju Unit.

Abbonati f'dawn il-pajjiżi jistgħu jiġu kuntattjati billi wieħed jiddalja 0 u warajh il-*code* tal-pajjiż, jiġifieri, 39 għall-Italja u 44 għar-Renju Unit, u imbagħad ikompli bin-numru sħiħ, inkluż il-prefiss taz-zona.

Per eżempju:

Abbonat f'Katanja li n-numru tat-telefon tiegħu huwa: 7777 jista' jiġi kuntattjat billi wieħed jiddalja: 0-39-95-7777.

Abbonat f'Ruma li n-numru tat-telefon tiegħu huwa 7777 jista' jiġi kuntattjat billi wieħed jiddalja: 0-39-6-7777.

Abbonat f'Londra li n-numru tat-telefon tiegħu huwa 7777 jista' jiġi kuntattjat billi wieħed jiddalja 0-44-1-7777.

In-numri 95, 6 u 1 huma l-prefissi taz-zoni ta' Katanja, Ruma u Londra rispettivament li normalment huma stampati fil-"brackets" man-numru tat-telefon, preċeduti b'0 addizzjonali li ma' għandux jerġa' jiġi inkluż meta wieħed jiddalja. Informazzjoni dwar prefissi taz-zoni u mistoqsijiet oħra dwar numri barranin fid-direttorju jistgħu jinkisbu billi wieħed jiddalja 491231.

Il-pajjiżi l-oħra kollha jistgħu jiġu kuntattjati bħas-soltu permezz ta' l-operatur fuq is-"switchboard" li għalih wieħed għandu jkompli jiddalja 94. Dan igħodd ukoll għall-Italja u r-Renju Unit meta minħabba xi raġuni wieħed ma jistax jiġi kuntattjat dirett bid-"dialling".

Il-pubbliku huwa mogħti parir li juża dan is-servizz bil-għaqal biex ma jkunx hemm diffikultajiet speċjalment matul il-perijodu inizjali tat-tħaddim.

B'mod partikulari wieħed għandu jinnota li jkun hemm xi dewmien bejn meta wieħed jispiċċa jiddalja u sakemm jirċievi t-ton relevanti. Dan huwa minħabba l-magazinaġġ tan-numri fl-istazzjon qabel ma jintbagħtu lil pajjiż 'l bogħod.

Għal din ir-raġuni, biex jiġi mnaqqas il-ħin li fih il-linji internazzjonali jkunu okkupati u biex ma jkunx hemm konġestjoni l-abbonati għandhom jiżguraw li jkollhom in-numru korrett lest u li jiddaljaw in-numri kollha f'daqqa.

L-abbonati huma wkoll imfakkra illi n-numru inizjali 0 għandu jintuża biss għas-Servizz Internazzjonali u għall-ebda raġuni oħra. Għajnuna ġenerali permezz ta' l-operatur li qabel kienet tiġi akkwistata billi wieħed jiddalja 0 issa tista' tinkiseb billi wieħed jiddalja 90.

---

**GĦALIEX TISSOGRA ĦAJTEK?**

**UŻA S-SUBWAYS!**

---



# TERAPIJA INTENSIVA—

## DIPARTIMENT ĠDID FL-ISPTAR SAN LUQA

NHAR il-Ġimgħa 30 ta' Lulju, it-Tabib A. V. Hyzler, M.D., M.P., Ministru tas-Saħħa fetaħ Dipartiment ġdid ta' Terapija Intensiva fl-Isptar San Luqa. It-tberik ta' dan id-Dipartiment sar mill-E.T. Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi.

*Fir-ritratt ta' fuq tidher dehra ġenerali tad-Dipartiment il-ġdid tat-Terapija Intensiva.*

*Waħda mill-'cubicles' tal-Kura Intensiva.* →



Għal din iċ-ċerimonja, minbarra uffiċjali għolja tal-Ministeru tas-Saħħa mmexxija mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern, attendew għadd kbir ta' personalitajiet magħrufa li kienu jinkludu il-Kummissarju Għoli Ingliż, Membri Parlamentari, speċjalisti, tobba, infermiera u rappreżentanti tal-ħaddiema.

It-twaqqif ta' dan id-Dipartiment ġdid huwa wieħed mill-aktar proġetti mportanti fil-Pjan ta' Żvilupp ta' Seba' Snin li jipprovdi għal titjib ta' faċilitajiet u ħolqien ta' oħrajn ġodda. Dan għaliex b'riżultat tal-faċilitajiet ġodda li d-Dipartiment ser jipprovdi fl-Isptar San Luqa, dan l-Isptar ser jilħaq il-livell ta' kif qed tiġi pprattikata x-xjenza medika fil-preżent fil-pajjiżi l-aktar żviluppati tad-dinja.

Il-ħtieġa ta' kura intensiva bħalma ser joffri dan id-Dipartiment ġdid fl-Isptar San Luqa żviluppat bħala riżultat ta' metodi ġodda u komplessi għall-kura ta' pazjenti li jkunu fil-periklu imminenti tal-mewt, liema kondizzjoni tista' tinbidel permezz ta' kura. Pazjenti bħal dawn jinħtieġu kura medika ntensiva u attenzjoni kontinwa li jistgħu jingħataw jekk is-servizzi, it-tagħmir, it-tobba u l-infermiera jkunu konċentrati f'post wieħed sabiex minbarra l-kura jkun hemm apprezzament kontinwu tal-kondizzjoni tal-pazjent. Dan jista' jiġri biss f'Dipartiment ta' Terapija Intensiva.



*Il-Kontroll ċentrali tal-'Unit'.*

Id-Dipartiment ta' Terapija Intensiva nbena maġenb id-Dipartiment ta' Dħul u Emerġenza fl-Isptar San Luqa wara kuntratt li ngħata f'Novembru ta' l-1974. B'kollox ix-xogħol sewa madwar £M300,000 u jiswa' madwar £M80,000 oħra fis-sena biex jitmexxa.

Minbarra l-bini, il-kuntratt kien jinkludi wkoll it-tagħmir u s-servizzi kollha meħtieġa, kif ukoll it-taħriġ ta' tobba, infermiera u mpjegati li ser jieħdu ħsieb il-manteniment tas-servizzi u t-tagħmir. Ta' min isemmi dwar dan li, indipendentement mill-kuntratt, id-Dipartiment tas-Saħħa bl-għajnuna tal-Gvern Ingliż bagħat infermiera jitħarrġu fl-Ingilterra f'ċentri magħrufa f'dan il-qasam ta' kura. Barra minn hekk saru arranġamenti fl-Isptar St Mary f'Londra għal programm ta' taħriġ ta' infermiera Maltin fil-kura intensiva.

*'Portable X-ray machine'.*



Il-pazjenti li ser ikunu jistgħu jagħmlu użu minn dawn il-faċilitajiet ġodda jinkludu l-każi l-aktar akuti u ta' periklu. Fost dawn insibu każi ta':—

(a) koma tad-dijabete;
(b) mard akut tal-kliewi;
(ċ) falliment tas-sistema respiratorju bħal, per eżempju, attakk serju ta' l-l-ażma u każi ta' avvelenament minn drogi;
(d) ċerti każi ta' trombożi tal-qalb;
(e) xokk;
(f) ħtieġa ta' kura ntensiva wara operazzjoni maġġura; u
(g) ċerti każi ta' korrimenti gravi f'inċidenti tat-traffiku.
(h) emerġenzi ta' emoroġija qawwija f'każi ta' maternità.

Id-Dipartiment innifsu jikkonsisti f'żewġ partijiet separati. Parti waħda, b'total ta' sitt sodod, hija għall-kura intensiva ta' każi ta' natura ġenerali; u l-oħra għall-kura intensiva ta' mard tal-qalb.

F'din ta' l-aħħar hemm erba' sodod. Minn barra hekk hemm faċilitajiet komuni bħalma huma stazzjon ċentrali għall-infermiera, laboratorju, eċċ. eċċ.

Ix-xogħol sar taħt is-sorveljanza tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi li kien mgħejjun minn membri ta' li Specialist Team tar-Royal Engineers fil-qasam tas-servizzi mekkaniċi u ta' l-elettriku.

B'dan l-apparat li bħal ma qal Dr. Grech, it-Tabib Prinċipali tal-Gvern, lanqas fl-Ingilterra kollha ma hemm units sofistikati u kbar daqsu, l-Isptar San Luqa jista' jiftaħar li huwa wieħed mill-aqwa sptarijiet fil-Mediterran.

# IS-SBUĦIJA TAL-FJURI

**KULL ħaġa li teżisti madwarna għandha s-sbuħija tagħha. Il-bniedem fih innifsu huwa sabih u jgħin ruħu bi ħwejjeġ oħra li jsebbħuh. Mhux dan biss, iżda għandu d-don li jagħraf isebbaħ ħwejjeġ oħra l-aktar dawk li jgħix fihom.**

Irid il-kumdità iżda fuq kollox ifittex għal xi affarijiet li jserrħu l-moħħ u jgħaxxqu l-għajnejn. X'hemm isbaħ min-Natura, eżempju awtentiku tas-Sbuħija? Meta wieħed jgħarrex isib li n-Natura hija mogħnija bi ħwejjeġ mill-aktar

Minn MARIJA CAMILLERI

sbieħ, u li nistgħu nitgħaxxqu bihom. Jekk nibdew insemmu ma nispiċċaw qatt, iżda l-aktar ħwejjeġ komuni u li naħseb l-aktar sbieħ huma l-fjuri u x-xtieli, li minbarra li jżejnu l-ġonna tagħna, isebbħu u jfewħu d-djar tagħna. Huma żewġ ħwejjeġ delikati ħafna u għalhekk iridu attenzjoni speċjali. F'dan l-artiklu beħsiebni nitkellem dwar xi arranġamenti ta' xi fjuri li jistgħu jitqiegħdu fuq ħoġor it-tieqa. Nibdew millbidu . . . .

Mhux tajjeb li wieħed iħalli l-fjuri u x-xtieli fejn ikun għaddej ħafna riħ għaliex dan jagħmlilhom ħafna ħsara u ma jdumux iservu għal żmien twil. Min-naħa l-oħra meta l-fjuri ikunu fl-arja dawn iżommu aktar milli kieku qegħdin ġewwa. X'jiswa mela li nqiegħdu xi vażun bilfjuri fuq ħoġor ta' xi tieqa?





L-ewwelnett vażun bil-fjuri fuq il-ħoġor tattieqa jagħti lemħa oħra lill-kamra u jsebbaħha. Ħafna drabi l-ħġieġ tat-tieqa huwa oħxon u għalhekk jista' jagħti l-każ illi l-fjuri jgħixu u jservu aktar fit-tul, sakemm ma jkunx hemm xi sħana artifiċjali bħalma ngħidu aħna s-"central heating". Fiż-żewġ ritratti li qegħdin taraw it-tieqa hija miftuħa sew — ħjiel illi t-temp qaleb għassajf. Il-fjuri li qegħdin taraw huma fjuri li jikbru fir-rebbiegħa u fis-sajf.

Nagħtu ħarsa lejn l-istampa fejn hemm ilbuqari. Bħalma tafu l-buqari huma fjuri komuni hawn Malta, tant li wieħed jista' jilmaħhom sewwa fil-ġonna pubbliċi kif ukoll f'dawk privati. Jekk imbagħad tħarsu aktar sew taraw illi f'dan l-arranġament intużaw biss tliet baqari u xi ftit weraq minn tal-buqari stess. Din hija regola Ġappuniża li tgħid li n-numru ta' fjuri li wieħed għandu juża għandu jkun dejjem bil-fard. Erbgħa, sitta jew tmien fjuri mal-ewwel jagħtu dehra monotona b'effett riġidu. Min-naħa l-oħra, tlieta, ħamsa, jew seba' fjuriet joħolqu effett mill-iżjed artistiku.

Fir-ritratt l-ieħor għandna vażun mimli dahlias u montbretias. Il-montbretias għandhom zokk b'saħħtu bi fjuri żgħar oranġjo. Dawn jikbru ħafna fil-kampanja. Iz-zokk tagħhom hu maqtugħ kemmxejn fit-tul filwaqt illi d-dahlias għandhom iz-zokk qasir sabiex joqogħdu sew fil-vażun.

Il-fjuri mhux lakemm naqtugħhom u npoġġuhom f'xi vażun sabiħ, irid ikollna s-sengħa sabiex niksbu riżultat sabiħ. Illum f'Malta għandna klassijiet fejn min irid jista' faċilment jitgħallem l-arti fl-arranġamenti tal-fjuri.

Xi arranġamenti tal-fjuri li jitpoġġa fuq ħoġor it-tieqa għandu jkun ikkulurit kemm jista' jkun għaliex id-dehra estetika tiegħu tkun millaktar effettiva speċjalment meta jitqiegħed qrib it-tieqa.

Fl-aħħarnett żommu dejjem f'moħħkom illi iktar ma l-arranġament ikun sempliċi iktar se jolqot l-għajn.

## ELETTRIKU

- Proġett ta' żieda ta' żewġ makni oħra biex il-kapaċità ta' ġenerazzjoni elettrika minn 115 megawatt titla għal 195 megawatt wara l-1980.
- Qed isiru trattativi għall-impjant tal-ġenerazzjoni u mpjanti oħra awżiljarji li jmorru miegħu.
- Arranġamenti għall-estensjoni tal-Power Station. Dan ix-xogħol ser joffri skop għall-impieg ta' ħaddiema Maltin.
- Tqegħid ta' mili ta' cable u bini ta' 93 'sub-stations' ġodda b'kapaċità totali ta' 73,920 KWA għad-distribuzzjoni elettrika f'lokalitajiet fejn sar żvilupp industrijali u fejn inbnew oqsma ġodda ta' djar.
- Jingħataw il-flus lura li jkunu ddepożitaw mal-Bord ta' l-Elettriku dawk li jkun twasslilhom is-servizz fi djar il-bogħod mil-linji tas-servizzi eżistenti.
- Imsaħħħa ċ-ċirkwiti prinċipali tas-sistema tad-distribuzzjoni permezz ta' tqegħid ta' cables jew twaqqif ta' linji f'postijiet fejn id-domanda ta' l-elettriku tkun waslet biex taqbeż il-kapaċità ta' l-impjant eżistenti.
- Jitwaqqaf ċirkwit ġdid ta' 33,000 volt bejn il-Mosta u l-Mellieħa bl-għan li jqawwi l-provvista fit-tramuntana ta' Malta u b'hekk isaħħah il-provvista bejn Għawdex u Kemmuna.
- Iffrankar fil-konsum fid-dawl tat-toroq permezz ta' tibdil ta' lampi kbar tal-merkurju b'oħrajn tas-sodium. B'hekk qegħdin jiżdiedu aktar lampi fit-toroq.



*Ċirkwit ġdid bejn il-Mosta u l-Mellieħa.*

- Twaħħil ta' 1,218 lampi ġodda fit-toroq f'dawn l-aħħar sentejn.
- Akkwist ta' l-istallazzjoni użata mill-ex-Kumpannija tax-Shell għall-ħażna taż-żejt bħala riżerva għall-Power Station.
- L-istallazzjoni komplessa fl-estensjoni tar-'runway' ta' Ħal Luqa li normalment issir minn kuntratturi nternazzjonali qed issir kollha mill-Bord ta' l-Elettriku.

*'Sub-station' fil-Marsa.*



*Bini ġdid jieħu post is-'slums' fil-Marsa.*



# fil-qosor

## F'EGHLUQ SNIN IL-PRIM MINISTRU — PREŻENTAZZJONI TA' TIFKIRA

F'Lulju li għadda, il-Prim Ministru kien irċieva ċekk ta' £M600 li nħareġ lilu mill-Kummissarju Għoli Awstraljan għal Malta. Il-flus kienu nġabru minn lotterija organizzata dak ix-xahar stess mill-Komunità Maltija f'Melbourne.

Wara din l-għotja taċ-ċekk, il-Prim Ministru kien ħatar Kumitat, taħt iċ-chairmanship tas-Sinjura Moyra Mintoff sabiex b'dawn il-flus jinxtraw oġġetti għall-karità. Diversi ditti għenu billi taw l-oġġetti bi prezzijiet irħas.

Nhar il-Ġimgħa s-6 ta' Awissu, fil-Berġa ta' Kastilja, saret ċerimonja ta' preżentazzjoni li tfakkar għeluq is-60 sena tal-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff. B'kollox, minn din il-preżentazzjoni ġeneruża ibbenefikaw sbatax-il orfanatrofju f'Malta u f'Għawdex.

## LEJLA MALTIJA F'ĠIEĦ IL-PRIM MINISTRU FL-OKKAŻJONI TA' GĦELUQ SNINU

Il-Ministeru tal-Bini Pubbliku u Xogħlijiet, permezz ta' kumitat maħtur apposta taħt il-presidenza tal-Ministru s-Sur Lorry Sant, nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Awissu, organizza programm f'forma ta' lejla Maltija f'ġieħ il-Prim Ministru, il-Perit Dom Mintoff li dak in-nhar għalaq 60 sena. Il-programm li kien jikkonsisti f'elementi kulturali u divertenti, sar fil-beraħ f'Wied Blandun, Raħal Ġdid.





## IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA IKELLEM LILL-MEMBRI TAL-KORP

Il-Kummissarju tal-Pulizija is-Sur Enoch Tonna ftit ilu kellem lill-membri tal-Korp fil-headquarters il-Furjana.

Il-Kummissarju qal li minn dak iż-żmien li tħabbret ir-rijorganizzazzjoni tal-Korp, huwa flimkien ma' uffiċjali oħra tal-Korp iltaqgħu mal-Prim Ministru is-Sur Dom Mintoff biex iddiskutew affarijiet interni tal-Korp. Is-Sur Tonna qal li issa it-tliet postijiet ta' Assistenti Kummissarji li nħolqu bir-rijorganizzazzjoni waslu biex jimtlew. Waslu biex jimtlew ukoll l-erba' postijiet ta' Suprintendenti biex jintlaħaq il-'complement' ta' tmienja.

Dwar il-vakanzi ta' Spetturi l-Kummissarju qal li diġà sar l-eżami intern. Jonqos issa li jsir l-eżami estern.

Il-Kummissarju ħabbar li ġie deċiż li tinħoloq struttura oħra ta' kif il-proċedura ta' dixxiplina għandha timxi fil-Korp. Bis-saħħa ta' din il-proċedura se jkun hemm ukoll id-dritt ta' appell sa għand il-Prim Ministru.

## LAQGĦA TAL-MINISTRU XUEREB MAL-KAP TAD-DIPARTIMENT TAL-KUMMERĊ BARRANI JUGOSLAV

Il-Ministru tal-Kummerċ, Industrija u Turiżmu, is-Sur P. Xuereb, m'ilux kellu laqgħa ma' Madame Vera Pegnovic, Kap tad-Dipartiment Jugoslav tal-Kummerċ Barrani għall-Ewropa tal-Punent. Madame Pegnovic kienet akkumpanjata minn Mr Fejic ta' l-Ambaxxata Jugoslava f'Ruma. Id-diskussjonijiet li saru f'din il-laqgħa kienu jinkludu l-espansjoni tal-kummerċ bejn il-Jugoslavja u Malta, koperazzjoni industrijali u teknika, u turiżmu.

Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Segretarju tal-Ministeru, is-Sur R. Stivala; iċ-Chairman tal-Korporazzjoni ta' Żvilupp ta' Malta, is-Sur J. Mizzi; iċ-Chairman tal-Bord tat-Turiżmu tal-Gvern Malti, is-Sur J. Pollacco u l-Kap ta' l-Industriji ta' l-Istat, is-Sur M. Petrocochino.



## HADDIEMA MIT-TARZNA FIL-ĠERMANJA

Grupp ta' 21 ħaddiema mit-Tarzna, dan l-aħħar telqu lejn Bremerhaven fil-Ġermanja tal-Punent fejn qegħdin jitħarrġu għal xhur sħaħ fis-sengħa tal-bini ta' vapuri.

Dan kien it-tieni grupp ta' ħaddiema li qegħdin jitħarrġu fil-Ġermanja.

L-ewwel grupp, li kien jikkonsisti f'25 persuna minn diversi fergħat tat-Tarzna, kien ġie lura Malta f'Ġunju wara perijodu ta' ħames xhur ta' taħriġ f'Bremerhaven. Grupp ieħor ta' ħaddiema tat-Tarzna ta' Malta kien ukoll xi żmien ilu mar fil-Jugoslavia għal taħriġ simili.

Taħriġ bħal dan huwa utili sabiex ikun żgurat illi fit-Tarzna jkun hemm nies imħarrġin biżżejjed biex ilaħħqu mad-domanda ta' xogħol li kull ma tmur dejjem tiżdied. It-taħriġ kollu kien dejjem possibbli permezz ta' għajnuna sħiħa mill-Gvern ta' Malta, li kien ukoll strumentali li jġib pariri ta' esperti barranin.

## IL-MINISTRU SANT IŻUR MEMBRI TAL-PIJUNIERI U TAD-DIM FUQ KORS TA' DRAUGHSTMEN

Il-Ministru tal-Bini Pubbliku u Xogħlijiet l-Onor. Lorry Sant dan l-aħħar għamel żjara f'Tigne Barracks fejn qed isir kors ta' draughtsmen lil ħamsin membru tal-Pijunieri u DIM.

Kien f'Novembru tas-sena l-oħra meta waqt żjara tal-General Cucino ta' l-Armata Taljana f'Malta, il-Prim Ministru wera x-xewqa li jiġi organizzat kors ta' draughtsmen mill-Missjoni Militari Taljana.

Wara għaxart ijiem dan il-kors ġie organizzat għal membri tal-Pijunieri u DIM. Fl-istess waqt ġie organizzat kors fil-lingwa Taljana għall-istess studenti fl-Istitut Kulturali Taljan.

Wara 4 xhur ta' taħriġ fuq disinni bażiċi l-istudenti ġew maqsuma fit tliet gruppi — Electrical, Mechanical u Civil Engineering.

L-ewwel parti tal-kors kważi spiċċat u se jsiru eżamijiet bejn it-30 ta' Awissu u l-14 ta' Settembru biex l-istudenti li jgħaddu jkomplu l-kors għal sena oħra.

Barra l-Instructors Taljani f'dan il-kors, l-AFM għenu ħafna biex dan il-kors ikun suċċess.

Il-Ministru Sant ġie mdawwar mal-klassijiet mill-Kurunell U. Pelizzola ta' l-Armata Taljana fejn ra ħafna disinji li ġew magħmula mill-istudenti. Wara, il-Ministru Sant kellem lill-istudenti fil-bitħa ta' Tigné Barracks fejn ħabbrilhom li waqt laqgħa li hu kellu mal-Prim Ministru u l-Kurunell Pelizzola, il-Prim Ministru qalilhom li dawk l-istudenti li jgħaddu mill-eżami jiġu assorbiti mal-Malta Drydocks u mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

Il-Ministru Sant kien akkompanjat mis-Segretarju Privat tiegħu s-Sur Joe Buttigieg.



## PREŻENTAZZJONI LILL-A.S.A.

Dan l-aħħar il-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Portijiet in-Nutar Joseph Abela ppreżenta Cheque ta' £M1,000 lis-Sur Bertie Muscat il-President ta' l-A.S.A. Din hija il-kontribuzzjoni minn naħa tal-Bord Nazzjonali ta' l-Isport lill-A.S.A. biex ikun jista' jiġi organizzat it-tournament Internazzjonali taż-żgħażagħ Ewropej.

Il-Ministru Abela approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord Nazzjonali ta' l-Isport u ħa ħsieb li jitħaffu l-proċeduri normali biex l-A.S.A. tkun tista' tirċievi dan iċ-cheque fil-ħin propizju qabel il-ftuħ tat-tournament.

Għal din iċ-ċerimonja li saret fl-uffiċċju tal-Ministru kien hemm preżenti uffiċċjali tal-Bord Nazzjonali ta' l-Isport u ta' l-A.S.A. u tal-Kumitat Organizzattiv.





# IL-PARLAMENT JILTAQA' F'SALA ĠDIDA

Is-sala l-ġdida tal-Parlament Malti hija mibnija b'mod li jinkludi stil tipiku Malti u l-faċilitajiet kollha meħtieġa għal Parlament modern.

Is-sala għandha 80 siġġu għal membri tal-Parlament u li strangers gallery tesa' aktar minn 200 ruħ.

Li Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, l-Ispiżjar E. Attard Bezzina ta id-dettalji kollha f'Konferenza Stampa fil-Palazz, il-Belt.

Huwa rringrazzja lill-Perit Richard England talli ta s-servizz tiegħu b'xejn u għamel id-disinn li ġie approvat mill-Gvern Svediż — li ta £M75,000 bħala għajnuna lill-Gvern Malti biex tkun tista' tiġi attrezzata s-sala l-ġdida.

L-Ispiżjar Attard Bezzina irringrazzja wkoll lill-kuntratturi kollha li daħlu għax-xogħol bl-ikbar entużjażmu u lill-ħaddiema kollha li kienu taħt it-tmexxija għaqlija tal-Perit Michael Ellul.



IPPUBBLIKAT MID-DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI — STAMPAT FL-U.Ċ.S. — STAMPERIJA TAL-GVERN